# *Kif nitqarbnu...*

Għadna kemm iċċelebrajna tlett ijiem li fihom għamilna b'kollox madwar 40 siegħa bil-knisja miftuħa għall-qima Ewkaristika. Stajna noqogħdu għall-ħin itwal mis-soltu, qabel jew wara l-Quddies, naduraw lil Ġesù ħaj fl-Ewkaristija.

San Carlo Acutis kien jgħid li:
***...jekk aħna nilqgħu lill-Mulej fil-Quddiesa, fl-Adorazzjoni aħna nibqgħu miegħu, bħalma l-ħbieb joqogħdu ma' xulxin, għax jafu li jagħmlilhom il-ġid. U... jekk noqogħdu fix-xemx, nisewdu, imma jekk noqogħdu quddiem Ġesù Ewkaristija, nitqaddsu.***

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-Quddiesa u fl-Adorazzjoni mhix sempliċement ritwal ripetittiv, imma hi laqgħa ta' vera ma' Ġesù, li tagħmilna dejjem aktar nixbhuh. U fil-parroċċa tagħna, għall-grazzja t'Alla, għandna ħafna okkażjonijiet li fihom nistgħu noqogħdu quddiemu fis-skiet u ningħaqdu miegħu fil-Quddiesa.

Dan biex niskopru iktar il-valur tal-Ewkaristija u mhux biex issir xi drawwa bħall-oħrajn, li nispiċċaw nagħmluha bi traskuraġni bħal meta forsi jiġrilna li nidħlu fil-knisja u ninsew insellmu lil Ġesù fit-Tabernaklu, b'reverenza jew b'inkin. L-istess fit-Tqarbin, forsi ġieli ġralna li flok preparajna ruħna biex nirċievu lil Ġesù, spiċċajna naħsbu għand min se mmorru nitqarbnu; u hemm min jispiċċa quddiem il-qassis jew il-ministru straordinarju li jkun iqarben, u flok jgħidlu "Ammen" toħroġlu "Grazzi" jew ma jgħid xejn; u hemm min joħroġ idu waħda, u min tnejn, u min xejn.

Għalhekk ħsibt li tajjeb kieku niftakru ftit affarijiet fuq it-Tqarbin, anki għaliex ġieli ġara li xi barranin telgħu jitqarbnu bħalna biex sempliċement jitħalltu fil-kultura tagħna u mhux għax jemmnu bħalna. Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku huma jindunaw kemm hu mument sagru u għażiż għalina, mhux biss għax inkunu għednielhom xi ħaġa imma għax ikunu rawna telgħin nitqarbnu b'devozzjoni u ninżlu lura fil-bank għarkupptejna f'adorazzjoni.

Fil-fatt, l-ewwel ħaġa li tfisser ħafna għalina u għal min jarana, hi li: mill-kliem "Dan hu l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja..." sakemm nitilgħu nitqarbnu, nippruvaw noqogħdu għarkupptejna jew nibqgħu bilwieqfa (u mhux bilqiegħda). U dan minbarra li nkunu preparajna ruħna minn siegħa qabel permezz ta' xi sawma ċkejkna, u nkunu anki fittixna li nitħabbu m'Alla permezz ta' Qrara minn xi żmien qabel, skont il-bżonn.

Ħaġa oħra importanti hi, il-mod ta' kif nirċievu t-Tqarbin: sew jekk fil-ħalq (kif tgħallimna meta konna żgħar), sew jekk fuq l-idejn (kif insistewlna fi żmien il-mard), dejjem għandna nilqgħuha u mhux neħduha. Għalhekk San Ġwann Krisostmu kien jgħid li t-Tqarbin fl-idejn għandu jsir billi nifthuhom imsallba fuq xulxin "qishom tron li fuqu nilqgħu lis-Sultan il-Kbir". L-id li biha nitqarbnu, il-leminija (għal min mhux xellugi), għandha titqiegħed dejjem taħt. U malli titgħatalna l-Ewkaristija u nisimgħu l-kliem, "il-Ġisem ta' Kristu", inwieġbu "Ammen", nersqu għall-ġenb u nirċevuha quddiem l-Artal qabel ma ninżlu lura f'postna fil-ġabra u fit-talb. Hemmhekk ibqa' għożż dak il-mument li fih ilqajt lil Alla ġo fik billi żżomm ruħek fis-skiet u f'pożizzjoni ta' adorazzjoni.





Nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar l-Għaqda Dun Franġisk Grima se torganizza ħarġa għall-Mużew tal-Bizzilla, l-Għarb. Wara nieqfu nieħdu kafè. Ċemplu lil Tonina 21553041 / 79923153 jew lil Ġuża 21552326 / 99228906. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9.30am.

Fin-noticeboards tal-knisja għandkom issibu l-iskeda tal-għoti tad-demm għal matul ix-xahar ta' Jannar. Kunu parti minn din l-opra ta' karità, morru agħtu d-demm.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am